MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' April, 2005

Numru 622/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Dennis Theuma**
**V**

**THOMAS EBEJER**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **THOMAS EBEJER** ta' disgha w tletin sena bin Nazzareno u Josephine nee Calleja, imwieled Pieta nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Jannar 1963 u residenti 51, Triq l-Imdina, Naxxar, detentur tal-karta tal-identita numru 70463M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tletin ta' Lulju 2002 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu anke jekk fi zminijiet differenti izda li jiksru l-isess disposizzjonijiet tal-ligi bla ordni skond l-ligi t'awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom l-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Ellen Bird, ta' nazzjonalita Ingliza bin-numru tal-passaport 15366924 kontra l-volunta taghha

jew pprovda l-post fen l-istess Ellen Bird inzammet arreatata, mizmuma w issekwestrata.

Talli fil-lejl ta' bejn il-hamsa w ghoxrin w s-sitta w ghoxrin ta' Lulju 2002, fin-Naxxar ghamel feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Ellen Bird skond ma ccertifika Doctor A. Theuma MD tal-Casualty Department tal-isptar San Luqa.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-hdax ta' Frar 2004 a fol 119 tal-atti sabiex din l-kawza tigi trattata bi procedura sommarja fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-verbal tad-dsatax ta' Mejju 2004 a fol 122 tal-atti odjerni.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju fis-seduta tas-sitta ta' Settembru 2004 [fol 137] kif wkoll l-provi tad-difiza.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tas-sittax ta' Marzu 2005.

Ikkunsidrat:

Illi **nhar t-tletin ta' Lulju 2002 xehdet Ellen Bird** [fol 10] fejn qalet li hija kienet waslet Malta nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 2002 u l-arrangament kien li toqghod ghand l-imputat, li gharfet presenti fl-awla. Qalet li kienet iltaqghet mal-imputat sitt gimghat qabel fil-Palm Court Hotel u fl-Incognito Bar & Restaurant fejn saru jafu lil xulxin. Spiccat li, meta ltaqghu l-ewwel darba fl-Incognito Bar & Restaurant, waqt li kienet bil-qeghda ma xi nisa ohra, kien mar hdejha bil-qeghda, ragel pjuttost anzjan. Qalet li ma tafx kif hi bdiet titkellem mal-imputat u staqsitu biex jizfen u marret lura bil-qeghda peress li r-ragel l-anzjan kien telaq. Qalet li dak l-hin rat lil imputat jzomm idejn tfajla

ohra u wara ftit din t-tfajla telqet u l-imputat staqsiha jekk tridx xi drink u hi rrifjutat peress li hasbet li hu kien ma dik t-tfajla u li kien l-boyfriend taghha. Wara li accertat ruhha li ma kienetx il-girlfriend tieghu, hi marret fuq l-imputat biex tiehu drink mieghu.

Hija halliet Malta erbat ijiem wara dan l-incident u matul dawn l-erbat ijiem hi ffrekwentat lil imputat u anke raqdet xi darbtejn ghandu. Qalet li hu kien jehodha l-bahar u kien jittrattha bhala l-girlfriend tieghu. Hija telqet wara erbat ijiem lejn l-Ingilterra izda regghet giet lura Malta nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 2002. Ikkonfermat li meta kienet iltaqghet mal-imputat l-ewwel darba r-relazzjoni ta' bejniethom kienet wahda intima tant li ghamlet xi drabi torqod ghandu u anke kellha x'taqsam mieghu sesswalment. Qalet li sakemm damet l-Ingilterra, l-imputat kien icemplilha u joffrilha tigi lura Malta u toqghod ghandu. Ftakret li kien hemm okkazzjoni wahda biss meta hija kienet l-Ingilterra u l-imputat cemplilha waqt li kien Malta [peress li ma kellux flus] u hi kemm il-darba cemplitlu lura, anke darbtejn tlieta fil-gimgha, jew kien hemm zmien anke darbtejn kuljum. Stqarret li anke kien issuggerixxa li tibqa mieghu ghal dejjem. Meta giet lura Malta fit-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 2002, kienet iddecidiet li taghmel hawnhekk gimgha. Dakinhar li waslet Malta l-imputat kien mar ghaliha l-ajruport u hadha d-dar tieghu.

Waqt li kienet hawn Malta l-imputat kien anke ssuggerilha li setghet ssib xoghol hawn Malta pero f'okkazzjoi minnhom huwa beda jghajjat maghha u jghidilha li kienet qed tghaggel u spicca biex qalilha biex ma tigi tghix xejn hawn Malta. Huwa baqa jghajjat maghha. Dak il-hin qaltlu biex titlaq lura l-Ingilterra immedjatament, marret d-dar tieghu, gabret hwejjigha w ippakkjat kollox. Spjiegat kif kienet ser tinzel t-tarag bil-bagalja, mar minn warajha, hatfilha l-bagalja min idejha u xehitha mat-tarag kollu. Qalet li mbaghad hataf lilha min idejha, u gibidha lura fil-kamra tas-sodda, tefaghha fuq is-sodda u beda jaggrediha u jghidlha tidhol fis-sodda u torqod hemm. Qalet li hi qaltlu li ma rieditx u li xtaqet titlaq u hu sakkar il-bieb biex ma tohrogx. Qalet li hi baqghet fis-sodda ghal xi hin, qaltlu li ma setghetx torqod, qamet, marret sa fejn il-

bieb tal-kamra tas-sodda li kien bil-lukett, u sakemm waslet hdejn il-bieb l-imputat qabez fuqha u rega' tefaghha fuq is-sodda u qalilha li jekk ma kienetx ser torqod kien ser jitfaghha mill-gallarija. Qalet li wara li ghamlet xi hin fuq s-sodda, qalet lil imputat li kellha bzonn tmur sal-kamra tal-banju bl-iskuza li tohrog mis-sodda, qamet, nehha l-lukett tal-bieb tal-kamra tas-sodda u l-imputat mar maghha sal-kamra tal-banju u qaghad jistenniha wara l-bieb. Kif lestiet regghet marret fis-sodda u qaghdet hemm ghal xi hin. Qalet li meta hasbet li l-imputat kien rieqed, qamet, fethet il-bieb u kif kienet ser tibda nizla t-tarag rega' gie fuqha u staqsiha fejn kienet sejra. Qaltlu li regghet kienet sejra l-kamra tal-banju u qalilha 'darbtejn f'siegha w nofs" w irnexxilha tmur. Qalet li wara regghet marret fis-sodda u wara hin mhux hazin irnexxilha tohrog, gabret hwejjigha mit-tarag u meta marret biex tiftah l-bieb ta' barra sabet li ma setghetx ghaliex kellu serratura differenti. Ghalhekk, kompliet x-xhud, regghet telghet fuq, dahlet fis-sodda u raqdet sa l-ghada l-gimgha filghodu u ma tkellmet xejn mal-imputat.

Waqt din l-aggressjoni hi sofriet diversi tbengil fuq idejha u taht idejha l-leminija, fuq idejha x-xellugija. Ix-xhud esibit certifikat mediku rilaxxjat minn Doctor Angela Theuma li gie mmarkat bhala dokument CSH 2 [fol 7]. Qalet li kienet rieqda b'idejha fuq rasha meta qam l-imputat u staqsiha x'kellha fuq idejha u hi qaltlu li hu kien ghamlilha dak t-tbengil l-lejl ta' qabel meta aggrediha. Tkellmet mieghu ghal xi hin bil-ghan li ma jergax jibda jirrabja. Staqsitu jekk kienx aggredixxa lil xi nisa ohra qabel u rrispondiha fl-affermattiv u meta staqsietu lil min, hu kien wegibha lil mara ingliza ohra u t-tifla li kienu flimkien.

Mistoqsija ghaliex ma telqitx mid-dar qabel, ix-xhud wiegbet li peress li l-imputat kien sawwatha kienet tibza minnu. Ix-xhud uriet lil Qorti marki tas-swaba fuq idejha l-leminija u qalet li dawk ghamilhomlha l-imputat waqt li kien qed jilghab mat-tifla tieghu li lilha kienet issejhilha Ellen. Qalet li t-tifla kienet talbitha sabiex tghinha waqt li kienet qed tilghab mal-imputat u waqt li kienet qed tigbed lit-tifla minn mal-imputat dan ghamlilha dawk il-marki. Qalet li pero dawn l-marki tal-ahhar gew kawzati mill-

imputat waqt li kien qed jilghab u jiccajta mat-tifla. Ix-xhud kompliet tghid li darba minnhom, waqt li kienu fil-gallarija, kien hemm ghalqa u l-imputat kien qalilha li ahjar li jaghmel hofra fl-ghalqa u jidfinha fiha. Qalet li dakinhar hi kienet irrispondietu li, li kieku kellu jaghmel hekk ma kienx ser jghaddiha lixxa ghaliex kien hemm il-familja taghha u hu kien irrispondiha li hu kieku kien jghid li wassalha l-ajruport ma xi hadd. Qalet li meta qalilha hekk, l-imputat ma kienx xurban. Ix-xhud kompliet tghid li meta kienet Malta l-ewwel darba ma kellhiex problemi mal-imputat.

Ix-xhud kompliet tghid li hi ilha divorzjata ghal ghoxrin sena u kellha hamest itfal barra z-zwieg, tlieta joqghodu ghal rashom u tnejn maghha. Qalet li hi tbati minn marda fil-pulmun li ma teffettwax ic-cirkolazzjoni tad-demm u kienet tiehu l-*inhaler* ghaliex jekk tkun stressjata, jaqbadha l-attakk tal-asthma. Qalet li hi ghandha '*chronic obstructive airway disease*'. Mistoqsija jekk xtratx xi medicina hawn Malta ix-xhud wiegbet li l-medicina li ghandha gabitha maghha mill-Ingilterra. Qalet li hi facli titbengel u li anke l-ewwel darba li giet Malta kellha tbengil meta kien qabadha darba l-imputat min idejha. Qalet li anke kellha tbengil fuq idejha kawza ta' meta ragel anzjan kien gidimha f'ghonqha u halliha xi marki tas-swaba fuq idejha meta kienu flimkien jiehdu drink.

Ix-xhud kompliet tghid li meta ltaqghet mal-imputat l-ajruport dakinhar ta' jum t-Tlieta, t-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 2003, kienet kuntenta li ratu u sa bejn il-Hamis w l-Gimgha bejniethom ma kienx hemm problemi tant li kienet ticcajta mieghu u tghidlu li messu jizzewweg u li lesta tigi toqghod Malta u ggib lit-tifel taghha David. Qalet li l-problemi bdew fil-lejl ta' bejn l-Hamis w il-Gimgha, huma u sejrin d-dar bil-karozza. Dejjaqha l-fatt li dak kollu li kien qalilha biex tigi toqghod mieghu u affarijiet ohra ma kien jfissru xejn ghalih. Mistoqsija ghaliex ma teliqtx mill-karozza, ix-xhud wiegbet li m'ghamiltx hekk peress li kellha hwejjigha kollha inkluz l-medicini taghha, passaport, flus u dokumenti personali d-dar u l-imputat kien ser jzommha milli titlaq. Spjiegat li lanqas ma kienet taf fejn hi l-Ghassa tal-Pulizija jew fejn kienet tinsab u ghalhekk ma telqitx. Qalet li hi qalet lil imputat li jekk hu

ma xtaqx li tibqa tghix mieghu hi kienet lesta li titlaq. Hi cahdet dak li allegat d-difiza li l-imputat qabadha biex tieqaf tecita ruhha minhabba l-kundizzjoni taghha. Ikkonfermat li l-imputat qabadha biex ma jhalliex titlaq. Mistoqsija ghaliex l-imputat qabadha minn idejha x-xhud wiegbet li ma kienetx taf. Qalet li waqt li l-imputat aggrediha hu ma hallihiex titlaq meta hi kienet lesta li titlaq. Mistoqsija jekk l-imputat harigx mid-dar dakinhar tal-gimgha, x-xhud wiegbet li ma kien mar imkien. Qalet li jum t-tnejn, kien hareg biex imur ghand ohtu biex icaqlaq xi ghamara ghaliha u gurnata ohra kien mar igib xi haxix minn hanut. Qalet li hi kienet tinhasel u kienet libera li taghmel dak li trid. Mistoqsija ghaliex ma telqitx meta l-imputat mar ghand ohtu, ix-xhud irrispondiet li hu kien qalilha li ma kienx ser idum u bezghet li jilhaqha hi u hierga mid-dar. Ix-xhud qalet li ma kienx hemm servizz tat-telefon fid-dar u li ma gemb d-dar fejn joqghod l-imputat kien hemm familja maltija ohra ghalkemm joqghod fi triq abitata. L-ahhar darba li kienet waqfet ragel biex tistaqsih fejn kienet l-Ghassa kienet ghodda ttajjret bil-karozza u baqa sejjer. Qalet li meta giet Malta gabet maghha xi mitt lira maltin. Cahdet dak li ssuggerixxa l-avukat difensur li l-imputat kien offrielha li jehodha x'imkien iehor bhal Ruby Court, qalet li qatt ma semghet b'dan. Stqarret li apparti l-imputat hi ma kellha ebda habib iehor ghalkemm taf xi nies minn wicchom u li din kienet t-tielet darba taghha li kienet giet Malta. Qalet li xi sena qabel kienet iltaqghet ma wiehed certu Tony Buttigieg li kien mar jaraha anke l-Ingilterra u l-imputat kien jiccajta b'dan Tony u jistaqsiha jekk tippreferix lilu ghal dan Tony, pero dakinhar tal-incident hu ma semmix lil dan Tony Buttigieg. Ix-xhud kompliet tghid li hi marret l-Ghassa l-jum ta' qabel u cioe nhar d-disgha w ghoxrin ta' Lulju bil-lejl jew sbieh t-tletin ta' Lulju u maghha hadet l-mobile taghha. Kienet staqsiet ragel anzjan biex jindikalha fejn kienet l-Ghassa li fil-fatt ma kienetx boghod minn fejn kienu. Spjegat li ghamlet hekk peress li l-imputat kien rieqed u l-bagalja taghha kienet gia isfel. Qalet li sakemm damet ghand l-imputat, dan ma telaqha qatt minn taht ghajnejh hlief biex tidhol fil-kamra tal-banju. Spjegat li meta kienu johorgu hi u l-imputat kienu jmorru jew l-Incognito jew fil-bar li hemm faccata tieghu u darba

minnhom kien hadha f'nightclub. Ix-xhud qalet li darba minnhom damet fit-tul titkellem ma xi *bouncers* li gharfuha peress li kienet marret hemm il-jum ta' qabel, staqsewha kif kienet sejra u hi kienet qaltilhom li mhux daqshekk tajjeb u fil-fatt qalet li wriethom it-tbengil li kellha fuq idejha. Mistoqsija mill-Qorti jekk tafx minn kienu b'isimhom, hi wiegbet fin-negattiv. Mistoqsija ghal darb'ohra, ghaliex ma telqitx qabel ix-xhud din id-darba wiegbet li hi ma kellha ebda partikolaritajiet dwar l-imputat, salv li jismu Tommy, u li lanqas kienet taf fejn qed joqghod u ghalhekk qalet li kieku marret ghand l-Pulizija u tghidilhom li kienet qed tghix ma certu Tommy, ma kienetx ser tghin s-sitwazzjoni taghha. Ix-xhud kkonfermat dak li ssuggerixxa l-Avukat Difensur u cioe li hi ma xtaqitx titlaq u ziedet tghid li r-raguni ghal dan kienet li hi kienet qed tipprova zzomm kalma sabiex tkun tista titlaq minghajr ma terga tigi aggredita.

Illi **nhar t-tmienja ta' Awissu 2002 xehed l-Ispettur Dennis Theuma** [fol 22] fejn qal li nhar t-tletin ta' Lulju 2002, ghal habta tal-hamsa w nofs ta' filghodu Ellen Bird ta' sitta w erbghin sena ta' nazzjonalita Ingliza detentrici tal-passaport numru 15366924 kienet ghamlet rapport l-Ghassa tan-Naxxar, li fil-jiem ta' qabel hi kienet qed tigi mizmuma kontra l-volunta taghha fir-residenza 51, Triq l-Imdina, Naxxar taht kontroll kostanti ta' Thomas Ebejer detentur tal-karta tal-identita numru 70463M. Qal li din kienet qalet li hija kienet giet Malta l-gimgha ta' qabel fit-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 2000 fuq invit tal-imputat fejn dan kien offrielha biex tigi tqatta xi jiem fir-residenza tieghu fin-Naxxar. Ix-xhud kompla jispjiega dak li kienet allegat Ellen Bird u cioe li hi kienet iltaqghet mal-imputat meta kienet giet Malta f'okkazzjoni precedenti u li kienet zammet kuntatt mieghu permezz tat-telefon. Spjiega dak li Ellen Bird kienet qalet fir-rapport taghha u cioe li ghal ewwel jiem kollox kien mar sew pero darba minnhom fil-lejl ta' bejn l-hamsa w ghoxrin w s-sitta w ghoxrin ta' Lulju 2002, kellha argument serju mal-imputat fuq il-possibilita li hi tittrasferixxi ruhha hawn Malta ghal kollox flimkien ma binha z-zghir, u l-atteggjament tal-imputat imbidel u bdew jillitigaw u hi waslet biex tghid lil imputat li kienet ser titlaq ghaliex kien qed juriha bic-car li hu ma riedtx rapport serju

maghha. Kompla jghid li Ellen Bird kienet allegat mal-Pulizija li dakinhar hi kienet garrbet l-feriti taghha u spjega li qaltlu li kif kienet ser tibda niezla t-tarag biex titlaq, l-imputat kien aggrediha, tefghalha l-affarijiet taghha mat-tarag u kaxkara minn wara u garrha sal-kamra tas-sodda fejn tefaghha fuq is-somma u beda jsawwatha fuq diversi partijiet ta' gisimha w heddidha li jekk ma tghamilx li jghidilha hu kien ser jitfaghha mill-gallarija ghal isfel. Qal li din kienet allegat wkoll li meta ppruvat titlaq u kienet waslet sal bieb ta' barra w ippruvat tiftah il-bieb, sabet li kien imsakkar b'mod li ma setghetx tifthu. Ghalkemm ammetta mieghu li kien hemm xi okkazzjonijiet fejn l-imputat kien halliha wahedha d-dar fin-Naxxar. Ix-xhud qal li hija kienet stqarret li ma kienetx ppruvat tahrab qabel ghaliex kienet tkun mhedda mill-imputat u ghaliex ma kienetx taf fejn ser taqbad tmur. Ix-xhud kompla jghid li Ellen Bird kienet stqarret li l-imputat kien jheddiha li kien ser joqtolha u jidfinha go hofra fil-gnien tieghu u jekk l-Pulizija tmur tinvestigah kien ser jghidilhom li kien wasallha l-ajruport biex tmur lura lejn pajjizha. Ix-xhud qal li fuq dawn l-allegazzjonijiet hu ta struzzjonijiet lil PS 38 Paul Zahra biex jarresta lil imputat ghal aktar investigazzjonijiet.

L-imputat kien irrilaxxja stqarrija nhar t-tletin ta' Lulju 2002 ghall-habta tad-disgha ta' filghodu li hu ghazel li ma jiffirmahiex. Qal li f'din l-istqarrija l-imputat innega li kien sawwat lil Ellen Bird jew li uza xi tip ta' vjolenza ohra fuqha. Ix-xhud kompla jghid li meta staqsa lil imputat jekk kienx qal lil Ellen Bird li kien ser jitfaghha mill-gallarija ghal isfel, l-imputat kien wiegbu li kien qal hekk b'cajta u li dak l-kliem kien qalu lil Ellen Bird f'okkazzjoni differenti minn dik li allegat l-vittma u cioe fil-lejl ta' bejn il-hamsa w s-sitta w ghoxrin ta' Lulju 2002. Ix-xhud kompla jghid li l-imputat kien cahad mieghu li kien qal xi kliem lil Ellen Bird fis-sens li joqtolha u jidfinha fil-gnien u jghid li kien wassalha l-ajruport jekk jigi nvestigat. Ix-xhud qal fl-ahhar nett qal li l-imputat kien stqarr mieghu li Ellen Bird setghet harget mir-residenza liberament.

Illi **nhar t-tmienja ta' Awissu 2002 xehed PS 38 Paul Zahra** [fol 28] fejn ikkonferma li nhar t-tletin ta' Lulju 2002

Ellen Bird kienet marret taghmel rapport l-Ghassa ghal habta tal-hamsa w nofs ta' filghodu li kienet giet Malta ghal perjodu ta' gimgha u li kienet marret toqghod mal-imputat fin-Naxxar. Ix-xhud qal li Ellen Bird kienet dahlet l-Ghassa mbezzgha u mimlija tbengil. Irrakkonta dak li Ellen Bird kienet allegat mieghu u cioe li l-imputat kien sawwatha u li appena sabet c-cans harbet mid-dar fejn kienet toqghod mieghu. Ix-xhud qal li Ellen Bird kienet allegat mieghu li l-imputat kien hebb ghaliha u li kien qafilha jumejn shah kontra l-volunta taghha fid-dar tieghu. Ix-xhud qal li meta staqsiha ghaliex ma harbitx qabel, Ellen Bird kienet wegbitu li ma kienetx taf l-area fejn kienet qed toqghod u li kienet qed tistenna li forsi l-affarijiet jghaddu b'wicc il-gid. Ix-xhud kompla jghid li wassluha l-isptar fejn giet ezaminata minn Doctor Angela Theuma li rrilaxxjat certifikat li Ellen Bird kienet qed issofri minn griehi ta' natura hafifa. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala dokument DT 3 [fol 30]. Ix-xhud zied jghid li sussegwentement hu kien gie moghti struzzjonijiet mill-Ispettur Dennis Theuma biex jarresta lil imputat u waqt li sejjer jaghmel dan hu ra lil imputat gej fir-direzzjoni tal-Ghassa, ghajjatlu, l-imputat waqaf u l-imputat kien qallu li kien sejjer l-Ghassa peress li meta qam ma kienx sab lil Ellen Bird d-dar. Ix-xhud kompla jghid li dak l-hin hu kien staqsa lil imputat ghal arlogg ta' Ellen Bird, peress li kienet allegat li kienet halliet l-arlogg d-dar meta telqet, qal li marru fl-imkien hu u l-imputat d-dar, sabu l-arlogg u rritorna l-imsemmi arlogg lil Ellen Bird.

Illi **nhar t-tmienja ta' Awissu 2002 xehed Doctor Mario Scerri** [fol 52] u esibixxa r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument MS [fol 54 et seq]. Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li Ellen Bird kellha feriti kompatibbli ma xebgha swat bhal daqqiet, *grip marks* u *scratch marks*.

Illi **nhar t-tlettax ta' Jannar 2004 xehdet Doctor Angela Theuma** [fol 114] fejn qalet li kienet ezaminat lil Ellen Bird nhar t-tletin ta' Lulju 2002 fis-sebgha ta' fil-ghodu fid-Dipartiment tal-Emergenza tal-isptar San Luqa fejn kienet irriskontrat tbengil fuq idejha fuq n-naha tal-lemin u tax-xellug u fuq koxxitha l-leminija. Qalet li ma kienetx

f'posizzjoni tghid li dak li rriskontrat dakinhar kienux tbengil frisk jew le ghaliex ma kellhiex miktub. Hija kklassifikat l-imsemmija feriti bhala ta' natura hafifa.

.

Illi **nhar s-sitta ta' Settembru 2004 xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 137] fejn qal li xi zmien qabel hu kien dahal fl-Incognito l-Qawra u Ellen Bird kienet marret fuqu u talbitu biex jizfen maghha u hu hekk kien ghamel. Qal li wara hu kien ha birra u telaq 'l hemm. Qal li wara xi siegha kien mar fi stabbiliment iehor u cioe l-Palm Court Hotel fejn iltaqa ma *security guard* u qaghad jitkellem mieghu u peress li kien hemm konfuzzjoni shiha gewwa, hu kien staqsa lil dan s-*security* x'kien gara u dan kien irrispondih li kien hemm mara li kienet ftehmet ma erbat irgiel fl-istess hin, liema mara kienet Ellen Bird li kien qed zifen maghha qabel. Qal li wara mar f'hanut iehor bl-isem Crazy Daisy, u wara ftit wasal l-istess *security* li kien tkellem mieghu qabel flimkien ma Ellen Bird, dan is-security talabha biex tmur mieghu fil-kamra, din irrifjutat u baqghet mieghu fil-Crazy Daisy. L-imputat kompla jghid li wara xi nofs siegha qal lil Ellen Bird li kellu jitlaq u din staqsietu jekk setghetx tmur mieghu u ix-xhud rrispondiha li kien sejjer jiekol ma habib tieghu certu Zaren u marru flimkien jieklu ghand Pawlu t-Tricky. Qal li hu kien qal lil Ellen Bird li kien ser jwassalha l-lukanda biex wara jmur jwassal lil Zaren u din regghet talbitu biex tmur mieghu u talbitu biex jwassalha l-ghada qabel s-sitta ta' filghaxija biex taqbad coach. Kompla jghid li hu wassal lil Zaren z-Zejtun, u reggha mar maghha d-dar n-Naxxar. L-imputat zied jghid li meta waslu d-dar, hadu cafe, u spiccaw f'relazzjoni flimkien.

Dakinhar kien staqsiha jekk kellhiex xi tghid mal-kelb peress li kellha grif, tbengil u gdim fuq ghonqha u l-parti taghha kien iswed dlam u hi rrispondietu li kienu sawwtuha xi nies. L-imputat zied jghid li l-ghada kien hadha lura l-lukanda u halliha hemm. Qal li appena wasal l-Mosta, daqq l-mobile tieghu fejn kienet cemplitlu hi u talbitu biex jerga jmur jigborha ghaliex r-ragel li kienet giet mieghu mill-Ingilterra kien tefghalha hwejjigha barra u talbitu jekk tistax toqghod ghandu sas-sitta ta' filghaxija ta'

dakinhar. Qal li imbaghad hija kienet telqet lejn l-Ingilterra fis-sitta ta' filghaxija. Sakemm damet l-Ingilterra din kienet iccempillu xi tlett darbiet, erbgha kuljum u tistaqsih jekk setghetx tmur tqatta xahar ghandu u hu kien qalilha li ma setghetx ghaliex kien ser imur l-Libja. Ix-xhud qal li kien qalilha li kull ma kien ghadda biss lejl wiehed maghha u li ma kienx jafha, pero dan nonostante hi baqghet iccempillu kuljum u kienet giet Malta u ghamlet gimgha tghix ghandu. Qal li gurnata qabel ma telqet kienet talbitu jizzewwigha w hu rrispondiha fin-negattiv u hi bdiet tibki u peress li hu kien hadha bis-serjeta kien spjiegalha li hu ma kienx wahdu ghaliex kellu tifla tghix mieghu u ghalhekk ma setghax jiehu decizjoni. Qal li hi kienet talbitu biex tara lit-tifla tieghu u kien mar ghaliha u meta Ellen Bird rat lit-tifla saret hamra nar u bdiet qisha tibki u t-tifla kienet staqsitu x'kien gara u hu rrispondiha li ma kienx jaf. Qal li mbaghad t-tifla kienet marret tilghab bil-*playstation* u hu staqsa lil Ellen Bird ghaliex kienet qed tibki u hi kienet irrispondietu biex ma jaghtix kazha. Qal li hu kien qalilha "*mela n-nies jibku ghal xejn b'xejn !*" Qal li kien staqsa lil Ellen Bird jekk kienetx tbati minn xi depressjoni w hi kienet rrispondietu fin-negattiv. Qal li mbaghad t-tifla bdiet tilghab ma Ellen Bird u taqbez fuqha u hu kien qalilha biex tieqaf ghaliex fejn tmissha timmarka. Qal li filghaxija hu kien ha lit-tifla ghand ohtu u hareg ma Ellen Bird u marru f'xi zewgt ihwienet u spiccaw l-Palm Court. Qal li waqt li kienu jitkellmu mal-barman kien mar fuqu ragel ikellmu u qallu biex jitlaq lil dik l-mara li kien hemm mieghu ghaliex sena qabel hu kien maghha u wara li kien hallsilha xi professuri u qaghad jigri bit-tfal taghha, kienet gabiltu diversi pulizija f'Portsmouth. Qal li wara hu kien mar ma Ellen Bird l-Crazy Daisy. Qal li kienu l-hamsa u kwart ta' filghodu u kienu serjrin jieklu ghand Pawlu u Ellen Bird waqghet mal-art u l-*barman* w in-nies bdew ixarbulha wiccha u hi qalet li ma rieditx tara tabib. L-imputat kompla jghid li hu mar igib il-karozza, hadha d-dar, tellaghha fuq, poggiha fuq s-sodda, kienet qisha kadavru u rega' staqsiha jekk rieditx tara tabib. Qal li hi riedet tazza ilma u mar gabilha wahda w intefa' ma gembha fuq is-sodda, wara ftit qamet u marret fil-kamra tal-banju u sadanitant hu raqad. Qal li sakemm kienu fil-hanut kienet qaltlu "*If I'm going, I'm mistaken*" u meta qam ma sabhiex

hemmhekk u li kienet hadet l-bagalji taghha. Qal li hu kien mar l-Ghassa biex jghidilhom li kien hemm ingliza d-dar li kienet qabdet u telqet u li jekk jinqala xi haga hu ma kienx responsabbli ghaliha. L-imputat zied jghid li dak l-hin kien hemm Pulizija li qallu li dik l-ingliza kienet marret l-Ghassa tghamillu rapport u li dan il-Pulizija kien ser jarrestah. Ix-xhud qal li fil-fatt kien ghamel statement. Mistoqsi jikkummenta dwar r-rapport ta' Doctor Mario Scerri dwar d-daqqiet li kellha l-imputat wiegeb ex admissis "*jista jkun hekk pero jien ma tajthiex*". L-imputat qal li jiftakar li hin minnhom hi bdiet tibki u meta staqsiha x'kellha din kienet irrisponditu "*I was only joking*" u hu kien qalilha "*If I push you from the balcony down is it a joke ?*" u komplew jitkellmu normali bejniethom. Cahad li qal lil Ellen Bird 'stay there' fuq is-sodda kif hemm imnizzel fuq l-istatement li ghamel lil Ufficjal Proskeutur. L-imputat zied jghid li Ellen Bird kienet toqghod d-dar bla hwejjeg u hu kien talabha biex meta t-tifla tieghu tkun d-dar, hi kellha toqghod fil-kamra taghha biex t-tifla tieghu ma tarahiex bla hwejjeg. L-imputat esibixxa ritratt li gie mmarkat bhala dokument X.

Illi **nhar t-tmintax ta' Jannar 2005 xehed Gino Cini** [fol 148] fejn qal li hu jahdem il-Palm Court Hotel fil-Qawra. Meta gie muri r-ritratt esibit a fol 141 bhala dokument X, ix-xhud qal li jaf lil dik il-persuna indikata f'dak r-ritratt. Mistoqsi jekk kien hemm x' incident fis-sens li kienu marru zewgt irgiel jistqsu ghaliha fl-istess hin, x-xhud wiegeb li ma kienx jaf b'dan. Ix-xhud ftakar li kien hemm incident fejn din kellha xi argument ma zewgha pero ma kienx jaf fuq x'hiex ghaliex kien hemm hafna ghajjat.

Illi **nhar t-tmintax ta' Jannar 2005 xehdet Josephine Masterson** [fol 150] fejn qalet li ilha taf lil imputat ghal hames snin. Murija r-ritratt dokument X a fol 141 x-xhud qalet li taf lil mara indikata fir-rirtatt peress li kienet iltaqghet maghha qabel meta kienet fil-kumpanija tal-imputat. Qalet li dik il-mara u l-imputat kienu f'bar pero hi kienet fir-restaurant. Qalet li dakinhar li ratu kienet marret fuq l-imputat peress li kienet tafu qabel, bisietu fuq haddejh waqt li kien fil-kumpanija tat-tifla taghha u qaghadu jitkellmu ghal xi hin. Ix-xhud kompliet tghid li l-

mara li kien hemm mal-imputat dakinhar ma tantx dehret li hadet pjacir b'dan u bdiet tbiddel l-kuluri u tifli lit-tifla taghha u ghalhekk daret fuq bintha u qaltilha biex jitilqu minn hemmhekk. Qalet li ftit wara din il-mara u l-imputat selmulha u telqu l-barra minn fejn kienu u li minn dakinhar ma rathiex izjed lil din il-mara.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha migbura u thoss li l-alternattivi huma tnejn; jew li l-imputat qed jghid il-verita jew li mhux. Pero fic-cirkostanzi kif inhuma u kif jirrizultaw fil-process biex din il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni li l-imputat mhux hati tad-delitt imputat lilu, trid wkoll tasal ghal konkluzzjoni li kien hemm fil-kaz, u fil-konfront tieghu, speci ta' kongura minn persuna biex taddebitalu delitt li ma kkommettiex.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta si tratta t'apprezzament ta' xhieda, cioe meta si tratta dwar il-kredibilita ta' xhud. Dan ghaliex ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien, tkun f'posizzjoni li tara u tisma l-provi viva voce, tara u tezamina l-imgieba u komportament ta' xhieda, tara x'interess jisa jkollu xhud f'dak li qed jixhed, tara xi ftit kliem, jekk dak li qed jghid xhud ghandux verament mis-sewwa jew le.

Huwa minnu li f'kaz ta' konflitt ta' provi, il-Qorti ghandha tillibera favur l-imputat, pero huwa minnu wkoll gie deciz mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-dsatax ta' Mejju, 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Charles Ducker**, u cioe li:

"*Conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt; whoever has to judge may, after consideration of all the circumtances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one.*"

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza wkoll ghas-sentenza moghtija ***mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sbatax***

***ta' Mejju 1999*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Nicol Mallia** fejn dwar kwistjoni ta' konflitt jinghad:

*"Illi dwar din il-kwistjoni ta' konflitt ta' provi, kif gia kellha diversi okkazzjonijiet ohra precedentement tghid din l-istess Qorti, mhux kull darba li hemm zewg verzjonijiet konfliggenti necessarjament u awtomatikament ifisser li hemm konflitt fil-provi u allura dan il-konflitt ghandu jmur favur l-akkuza. Ikun biss konflitt fil-provi li minnu ghandu jibbenefika l-akkuzat, meta hemm zewg verzjonijiet differenti tal-istess fatt li t-tnejn ikun u accettabbli, plawsibbli jew verosimili, b'mod li l-Qorti ma tkunx f'posizzjoni ta' certezza morali li taccetta versjoni wahda u mhux l-ohra. Minkejja l-fatt li jista ikun hemm zewg verzjonijiet konfiggenti tal-istess fatt, jekk il-Qorti tara li verzjoni minnhom hija dik l-aktar kredibbli jew verosimili, allura hi tista tiddeciedi a bazi ta' dik l-verzjoni u tiskarta l-ohra."*

Huwa minnu wkoll kif hemm imnizzel fl-artikolu 638(2) tal-Kap 9 li x-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lil Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero hu veru wkoll li provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.

Fil-fatt hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza ohra moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hmistax ta' Gunju 1998*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Lee Borg** fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat, u <u>hadd iktar, anzi l-akkuzat biss</u>, li hu il-hati u li l-provi li jigu mressqa jkunu nkompatibbli mal-

presunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkew prova possibilment cirkostanzjali li tista torbot lil imputat bir-reati addebitati lilu.

Fil-fatt, kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali*** nhar ***s-sitta ta' Mejju, 1961*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmelo Busuttil et** kien intqal li:

"*Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova, talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

Il-Qorti ghalhekk ghandha taghmel apprezzament tal-fatti fl-isfond tas-suespost.

Il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda li ta Doctor Mario Scerri li ezamina lil Ellen Bird nhar t-tletin ta' Lulju 2002 u cioe hamest ijiem wara li hija kienet giet allegatament aggredita mill-imputat. Huwa ddeskriva d-diversi griehi li kellha Ellen Bird bhala rizultat ta' *blunt trauma* u *grip marks*. Stqarr bla tlaqliq ta' xejn li kienu kompatibbli ma swat u qbid u li l-maggor parti taghhom gew kagjonati media tlett ijiem qabel l-ezami. Huwa kklassifika dawn il-griehi bhala ta' natura hafifa.

Illi ma hemmx dubbju li qabel ma Ellen Bird ghamlet r-rapport taghha fl-Ghassa, hija kienet fil-kumpanija ta' l-imputat u ma jirrizultax li maghha kien hemm xi terza persuna. Ghalhekk zgur li din il-Qorti ghandha tqis din il-prova medika bhala prova ndizzjarja li twassal lil gudikant jikkonferma li kien l-imputat li aggredixxa lil Ellen Bird w ikkagunalha feriti ta' natura hafifa.

Illi l-imputat huwa wkoll akkuzat bir-reat ta' sekwestru ta' persuna u cioe bir-reat kif kontemplat fl-artikiolu 86 tal-Kap 9 u cioe:

*"Kull min bla ordni skond l-ligi t'awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li finhom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, jarresta, jzomm je jissekwestra lil xi*

*persuna kontra l-volunta taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata."*

Illi ghalhekk minnufih jirrizulta li bniedem jista jinstab hati ta' din l-akkuza una volta u principalment m'ghandhux ordni skond l-ligi ta' awtorita kompetenti u dan hu partikolarment li l-imputat ma kellux awtorita skond l-ligi ta' awtorita kompetenti biex jarresta lil xi hadd. Izda min naha l-ohra, jista jinghad li dan b'xi mod arresta, zamm jew issekwestra lil Ellen Bird ?

Din il-Qorti tara li l-element tal-artikoli relevanti ghal dan il-kaz huma tnejn ghal dak li jirrigwarda definizzjoni. L-ewwel element hu dak ta' sekwestru ta' persuna w it-tieni hu li tali sekwestru ghandu jsir kontra l-volunta tal-persuna sekwestrata. L-ewwel element ta' sekwestru jinkludi, fil-fehma tal-Qorti, t-tehid jew t-trasport ta' persuna minn persuna ohra. Hemm diversi forom li dan jista jiehu u l-aktar wiehed komuni hu dak ta' fejn bniedem jigi mehud bil-forza.

Huwa ovvju li hemm diversi metodi li jnehhu d-dritt lil persuna ghal moviment liberu taghha u dan huwa t-tifsir tal-kelma "sekwestru" f'dan il-kuntest. Dan huwa wkoll evidenti mill-intestatura tas-sub artikolu tal-Kap 9 li tahtu jaqa dan l-artikolu l-uzu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat tal-awtorita pubblika jindika li taht dan l-Kap jaqa agir li jekk kommess min minn ghandu awtorita ma jkunx punibbli. It-teorija tal-arrest illegali, abbraccjat ghalhekk mhux biss l-arrest fiziku u furzat, imma l-arrest bl-ingann.

Fi kliem l-awturi **Smith & Hogan** l-arrest jissusisti '*by words alone if one suibmits.*' [vide **Il-Pulizija v Albert Cassar** deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax ta' Novembru 1990***.]

**Maino** fil-ktieb tieghu ***Commento al Codice Penale*** jikkummenta fuq l-artikolu 146 li huwa bhal artikolu 86 taghna a fol 112 para. 788; Vol II billi jghid:

"*Il sequestrato richiede che la privazione della liberta sia <u>assoluta</u> e avvenga in circostanze tali da togliere alla vittima <u>ogni possibilita di scampo o di soccorso.</u>*"

**Antolisei** fil-ktieb tieghu ***Manuale di Diritto Penale*** Ediz. 1977; pg. 134 jghid:

"*Le fatti specie del delitto in parola si realizza anche se la privazione della liberta non e` totale ma occorre che al paziente sia reso del tutto <u>impossibile ogni via di scampo</u>. E necessario per altro che la perdita della liberta si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo.*"

Fil-fatt **La Corte di Cassazzione** tal-Italja b'sentenza moghtija fl-erbatax ta' Jannar, 1961 ipprecizat:

"*Che la privazione della liberta di movimento del soggetto passivo deve perdurare - <u>per un apprezzabile lasso di tempo</u> anche brevissimo cosi che non sarebbe rilevante solo se momentaneo e fugace.*"

Illi ghalhekk il-Qorti thoss li wara li spjiegat t-tifsira ta' reat ta' sekwestru ta' persuna trid issa tesamina l-fatti specie f'dan il-kwadru.

Illi l-vittma tispjiega li hija ma setghetx titlaq mid-dar ghaliex fl-ewwel lok kienet imwerwra mill-imputat. Fil-fatt fix-xhieda taghha tghid "*Asked why I did not leave the home before, I say that on previous occasions, when I tried to leave the home, the accused had beat me up. I was afraid that if he caught me leaving, he would repeat the same incident*."

Spjiegat pero li dan nonostante, meta ppruvat titlaq, l-imputat "*put the latch on the bedroom door and closed me in … He ordered me to get into the bed and sleep*."

Illi ghalhekk din x-xhud fid-dawl tas-suespost u cioe li hija ma kellhiex l-liberta tal-moviment, ghalkemm ghal zmien qasir, jammonta ghal sekwestru ta' persuna.

Illi l-imputat ipprova bix-xhieda tieghu u ta' xhieda mressqa minnu, joskura l-karattru tal-vittma. Illi jista jkun li l-vittma hija mara tad-divertiment u libertinagg zejjed u possibilment tmur ma hafna rgiel, pero dan nonostante ma jfissirx li l-imputat m'ghandux ikollu rispett lejn il-persuna taghha u jikkagunalha feriti u jzommha sekwestrata bhal li kieku kienet l-iskjava tieghu.

**Il-Qorti** ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu **18, 86, 87 tal-Kap 9 u l-artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lil imputat THOMAS EBEJER hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmin xhur sospizi ghal sena u dan** bl-**applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes tal-periti u esperti nominati ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti rat li hemm involuta s-somma ta' mija u lira u hamsin centezmu rappresentanti hlas dovut lil espert medikolegali Doctor Mario Scerri u ghalhekk tordna lil imputat jhallas dawn l-ispejjes fi zmien hmistax il-jum minn meta jigi hekk mitlub mid-Direttur tal-Qorti.**

**Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-imputat u x'jigri f'kaz li jonqos li josservha.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------